# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/727

## tal-14 ta' Mejju 2018

## li taħtar membru supplenti, propost mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumen,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-3 ta' April 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/665 ([4]), is-Sur Florin Grigore TECĂU ġie sostitwit mis-Sur Marius Horia ȚUȚUIANU bħala membru supplenti.

(2) Fil-25 ta' Settembru 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1762 ([5]), konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Marius Horia ȚUȚUIANU bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Daniela CÎMPEAN, *President of Sibiu County Council.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. ZAHARIEVA

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/665 tat-3 ta' April 2017 li taħtar ħames membri u disa' membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 94, 7.4.2017, p. 40).

([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1762 tal-25 ta' Settembru 2017 li taħtar żewġ membri, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 56).